MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 213/2004

**Dhalia Estate Agency Limited**

**vs**

**Terrence Zammit**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) rapprezentanti l-estate agency fees lilha dovuti fuq it-trasferiment tal-fond "Casa Murray" Triq Qamar, Zebbug, u dan kif jirrizulta ahjar mill-anness obbligazzjoni mmarkata Dok A.

Bl-ispejjez u bl-imghax relattiv mid-data tal-kuntratt ta' vendita' sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-25 ta’ Mejju, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------